MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2005

Numru 776/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMEL ABDILLA**

**VS**

**LUDWIG CASSAR**
**DANIEL CACHIA**
**MATTHEW BORG**
**MARK BORG**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Ludwig Cassar ta' 20 sena, imwieled Tal-Pieta' nhar is-26 ta' Novembru, 1983, bin Joseph u Matilde nee' Bugeja, residenti fil-fond Amass Lodge, Triq Margeriti, Victoria Gardes, Ibragg, detentur tal-karta tal-identita' numru 17084 (M) ;

Daniel Cachia ta’ 20 sena, imwieled tal-Pieta’ nhar it-28 ta’ Settembru, 1983, bin George u Theresa nee’ Giordmaina, residenti fil-fond Farnham, Triq ix-Xmiexi, Msida, detentur tal-karta tal-identita’ numru 494483 (M0;

Matthew Borg ta’ 17-il sena, imwieled tal-Pieta’ nhar is-17 ta’ Gunju, 1987, bin Joseph u Simone nee’ Cesaria, residenti gewwa l-fond F/1, Central Court, Triq Ibragg, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 276987 (M);

U Mark Borg ta’ 20 sena, imwieled tal-Pieta’ nhar is-27 ta’ Gunju, 1984, bin Joseph u Simone nee’ Cesaria, residenti gewwa l-fond F/1, Central Court, Triq Ibragg, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita’ numru 337784 (M)

Akkuzati talli nhar id-19 ta’ Settembru, 2004, ghall-habta ta’ 00.15am gewwa Triq San Gorg, Paceville, San Giljan, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’hebb ta’ xorta li ma titqisx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-Ligi jew ta’ ordni moghtija skond il-Ligi mill-awtorita’ kompetenti u cioe’ fuq il-persuni ta’ PS 69 J Cremona, PC 756 J Xuereb, PC 265 K Ciangura, u diversi membri tal-korp tal-pulizija *ai termini* tal-Artikoli 92 u 96 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, ingurjaw jew heddu jew ghamlu offiza fuq il-persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jaghmlu jew minhabba li jkunu qed jaghmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jinfluwixxu jew ibezzghu fuqhom kontra il-Ligi fl-esekuzzjoni ta’ dan is-servizz u cioe’ fuq il-persuni tal-istess ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-ewwel akkuza u dan *ai termni* tal-Artikoli 92 u 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdewx l-ordnijiet legittmi moghtija lilhom mill-pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li jkunu jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b’xi mod bla jedd indahlu fl-istess dmirijiet billi ma hallewx lill-membri tal-korp tal-pulizija jaghmlu dak li b’Ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru u gabu fix-

xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ikkommettew hsara fuq uniformijiet ta' diversi membri tal-korp tal-pulizija ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta liema hsara teccedi l-Lm50.00 (hamsin lira maltin) imma ma teccedix il-Lm500.00 (hames mitt lira maltin), u dan *ai termini* tal-Artikolu 325 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkosanzi, volontarjament kisru il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied u dan *ai termini* tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, stiednu ghall-glied lill-membri tal-korp tal-pulizija msemmija hawn fuq u dan *ai termini* tal-Arikolu 339 (1a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, qalu kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagha, u dan *ai termni* tal-Artikolu 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Mattew Borg wahdu akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi hfief fuq il-persuna ta' PC 756 J Xuereb bhala ufficjal pubbliku tal-korp tal-pulizija, skond kif iccertifikat Dr Moira Grech MD, tal-Isptar San Luqa, u dan *ai termini* tal-Artikolu 221 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Mark Borg wahdu akkuzat talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 265 K Ciangura skond kif iccertifika Dr Anthony Fenech tal-Isptar San Luqa, u dan *ai termini* tal-Artikoli 214, 216 (1)(a)(b), 218 u 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli rrenda ruhu recediv *ai termini* tal-Artikoli 49, 50 tal-Kodici Kriminali wara li huwa gie misjub hati u kkundannat ghal reat/i b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta datata 28 ta' April, 2004, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u mhassra.

Ludwig Cassar wahdu akkuzat talli rrenda ruhu recediv *ai termni* tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, fejn huwa kien gie misjub hati u kkundannat ghal reati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 11 ta' Frar, 2003, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula u mhassra;

U aktar talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, u/jew tkun hekk instabet hatja minn/jew quddiem qorti kompetenti skond l-Artikolu 28C li tittratta maghha ghar-rigward tas-sentenza sospiza, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistati ta' Malta datata 11 ta' Frar, 2003, billi kkommetta reat/i ohrajn li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija.

Ikkunsidrat:

Mill-provi prodotti jirrizulta li dakinhar tal-incident in kwistjoni, inqalghet glieda bejn xi zghazagh gewwa Triq San Gorg, Paceville. Il-pulizija marru jintervjenu sabiex iwaqqfu din il-glieda, u arrestaw xi whud minn dawn iz-zaghzagh. Wiehed mill-ufficjali, PC 265 Kenneth Ciangura, qala' daqqa ta' rkobba f'imniehru u sofra ksur fih. Ufficjali ohrajn kellhom partijiet mill-uniformi li saritilhom hsara. Wara hafna sforz mill-pulizija, is-sitwazzjoni kkalmat u giet ghan-normal.

Mill-bidu nett, il-Qorti tixtieq tirrimarka li f'ebda mument ma jidher li l-ufficjali tal-pulizija marru lil hinn minn forza ragonevoli u fi hdan il-parametri tad-doveri taghhom biex jikkontrollaw il-glieda li nqalghet. Il-Qorti hija konvinta li l-pulizija mxew tajjeb fic-cirkostanzi xejn sbieh li sabu ruhhom fihom, u l-forza li ntuzat kienet dejjem wahda legittma u *entro* l-limiti tal-inkarigu taghhom.

Ghar-rigward tal-imputati, il-Qorti wkoll hi tal-fehma li huma ma jistghux jinsabu hatja tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrihom. Dan ghaliex ma ngabux provi konkreti fil-konfront taghhom fuq l-akkuzi kollha sal-grad kif rikjest mill-Ligi. Li huma xi ftit jew wisq ippartecipaw f’din il-glieda huwa car u ovvju, izda li hadu xi sehem attiv u wzaw forza kontra l-pulizija kif indikat fl-akkuza, dan ma jirrizultax. Aktar minn hekk, fil-konfront tal-ahwa Borg, il-Qorti m’hi qiegheda ssib l-ebda htija, ghalkemm il-Qorti xejn ma hi konvinta li dawn kienu biss spettaturi ta’ din ix-xena.

Ghal dak li jirrigwarda l-feriti sofferti mill-ufficjali tal-pulizija, fil-konfront ta’ wiehed, PC 265 Ciangura, dawn jirrizultaw tal-anqas sal-grad ta’ offiza hafifa, mentri ma jirrizulta xejn aktar fil-konfront tal-uffcjali l-ohra. Izda anke hawnhekk, ma ngabux bizzejjed provi biex jindikaw li kien l-imputat Mark Borg li kkaguna dik l-offiza fuq l-istess ufficjal, ghalkemm huwa minnu li l-offiza twettqet.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli indikati, qieghda ssib lill-imputati Ludwig Cassar u Daniel Cachia, hatja tat-tielet, ir-raba’, u l-hames akkuzi, u tilliberahom mill-akkuzi l-ohra kollha, u tqieghedhom taht Ordni ta’ *Probation* ghal perjodu ta’ sentejn (2) *ai termini* tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta. *Inoltre* qieghedha wkoll tikkundannahom ihallsu bejniethom is-somma ta’ Lm200.00 (mitejn lira maltin) lil PC 265 Kenneth Ciangura bhala danni *ai termni* tal-Artikolu 21 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Lill-imputati Mark Borg u Matthew Borg, din il-Qorti mhiex qed issibhom hatja tal-akkuzi kif dedotti u ghaldaqstant tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------